IX-XJENZI APPLIKATI

# IL-MEDIĊINA

CHARLES SAVONA-VENTURA

Mill-bidunett il-bniedem kien maħkum minn għadd ta' mard, u anke fil-Gżejjer Maltin il-bniedem pre-istoriku kien mifni minn diversi tipi ta' mard inkluż ksur ta' għadam, osteomijelite, deformazzjonijiet konġenitali bħal per eżempju spina bifida, u problemi fis-snien. Ftit li xejn hu magħruf b'ċertezza dwar il-prattika medika tal-bniedem pre-istoriku fil-Gżejjer Maltin, imma jidher li t-terapija medika kienet marbuta ma' prattika reliġjuża u mal-prattika tal-maġija. Għalhekk insibu li f'Malta u f'Għawdex ġew skavati diversi oġġetti li x'aktarx kellhom x'jaqsmu mal-prattika tal-maġija. Dawn jinkludu sett ta' statwetti misjuba fiċ-Ċirku ta' Brochtorff u statwetti ta' nisa tqal misjuba l-Imnajdra, Ħal Tarxien u l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni. Waqt li s-superstizzjoni kienet taħkem sew, kura medika kienet tingħata wkoll. Għalhekk insibu li xi għadmiet minn imkejjen Neolitici li wrew sinjali ta' ksur kienu fiequ tant tajjeb li wieħed jista' jissuġġerixxi li xi



***Statwetti misjuba fiċ-Ċirku ta' Brochtorff***

forma ta' *splinting* artifiċjali ġiet użata waqt il-perjodu ta' fejqan. Ir-rabta bejn is-superstizzjoni u l-mediċina kompliet fi żmien il-Feniċi u l-Kartaġiniżi. Dawn kienu jemmnu li l-perikli ta' kuljum kienu kkaġunati mill-ispirti ħżiena li kienu jiġġerrew ma' l-univers u li kienu jiddeffsu fil-proċess naturali. Dawn setgħu jiġu eżorċizzati biss bil-qawwa maġika ta' amuletti jew bl-intonazzjoni ta' kant li kien miktub fuq biċċiet tal-papiru. Eżempji ta' dawn l-oġġetti li suppost kienu jiġġeneraw effetti straordinarji kienu skavati f'diversi oqbra f'Malta u f'Għawdex. Il-kultura Feniċa baqgħet taħkem ukoll wara li l-gżejjer Maltin waqgħu taħt il-ħakma Rumana fis-sena 218 Qabel Kristu.

Il-ħakma Rumana ġabet magħha tibdil fil-ħajja tal-Maltin. Is-superstizzjoni baqgħet, iżda aspetti tal-ħajja ta' kuljum bħall-indafa personali u domestika ħadu spinta 'l quddiem. Hekk insibu diversi banjijiet privati u pubbliċi, u anke lokijiet bħala parti integrali tad-djar Rumani f'Malta. Il-prattika tal-mediċina baqgħet fuq bażi ta' maġija u l-użu ta' amuletti. Fit-tieni seklu Wara Kristu, f'Malta daħlet preżenza ta' professjoni medika organizzata. Dan jidher minn lapida li nstabet f'parti mill-Katakombi ta' San Pawl fir-Rabat. Fuq din il-lapida hemm impinġija erbatax-il dijagramma ta' strumenti mediċi. Dawn jinkludu tazzi li fihom kien jinġabar id-demm – indikazzjoni li f'dan iż-żmien kien daħal



***Amuletti Puniċi kontra l-mard u l-ħażen***

f'Malta kunċett ta' mediċina filosofika kif kienet deskritta minn Galen li għex matul it-tieni seklu W.K. Il-mediċina filosofika ta' Galen baqgħet tippredomina u tissaħħaħ fi żmien il-Biżantini, għalkemm bil-miġja tal-Kristjaneżmu daħal it-tabib "qassis" li saħħaħ il-kunċett ta' mard bħala kastig minn Alla.

Fil-bidu tat-tieni millennju, il-Gżejjer Maltin kienu taħt il-ħakma u l-influwenza kulturali ta' l-Għarab. Minkejja



***Strumenti Rumani għal-kirurġija***

li l-Għarab damu jaħkmu l-Gżejjer għal aktar minn żewġ sekli, dawn ftit li xejn ħallew evidenza tal-preżenza tagħhom f'Malta, sew fl-arti kif ukoll fix-xjenza, inkluż il-mediċina. L-Għarab ġeneralment kienu jipprattikaw mediċina pjuttost avvanzata meta mqabbla mal-prattika fl-Ewropa, speċjalment fir-rigward tal-kirurġija u l-farmaċija. Il-prattika tal-mediċina xorta waħda kienet kemmxejn primittiva, u t-tobba ta' dak iż-żmien ma tantx kellhom għodda effettiva kontra l-mard. Dan kien jirriżulta fir-rassenjazzjoni reliġjuża tal-marid u tal-qraba f'wiċċ il-mard serju. Din ir-rassenjazzjoni tidher biċ-ċar fil-kitba li kienet tidher fuq il-qabar ta' Majmuna misjuba f'Għawdex li tfakkar il-mewt ta' tfajla Għarbija li mietet fil-21 ta' Marzu 1171. Skond Temi Zammit, parti mill-kitba tgħid "lili Alla l-kobor ta' dejjem iżda l-ħolqien tiegħu ried jintemm … Saqsi lilek innifsek, jekk hemmx fl-art min jibqa' jew jitfa' lura l-mewt, jew jirqi (ifejjaq) il-mewt." Il-ħakma Għarbija ġiet fi tmiemha bil-miġja tan-Normanni minn Sqallija fl-1090, u l-Għarab telqu definittivament minn Malta fl-1127.

Fil-bidu ta' dan il-perijodu, ftit li xejn nafu x'ġara fil-qasam tal-mediċina fil-gżejjer Maltin. Lejn it-tmiem tas-seklu 13, xi materjal definit beda jidher dwar l-istorja tal-mediċina f'Malta. Madanakollu, taħt in-Normanni x'aktarx il-prattika tal-mediċina kienet taqa' taħt l-ordinanzi ppubblikati minn Ruġġieru II fl-1140, liema ordinanzi kienu ppubblikati b'aktar dettal minn Federiku II fl-1224. Dawn kienu jirregolaw il-liċenzja biex wieħed jipprattika u jgħallem il-mediċina, ir-

relazzjonijiet bejn it-tobba u l-ispiżjara, il-prattika ta' l-ispiżjar, it-tariffi mediċi, u l-iġjene pubblika. Il-professjoni medika matul iż-żmien tal-Medju Evu kienet tikkonsisti minn tobba fiżiċi, tobba kirurġiċi, barbiera, u spiżjara. L-ewwel tabib magħruf b'ismu matul il-Medju Evu kien wieħed Jacobus Finus, tabib minn Firenze li ġie jgħix Malta fl-1283. Bil-mod, jidher li l-prattika medika f'Malta kienet ġiet ippredominata fis-seklu 15 minn tobba Lhud, li kienu meqjumin ħafna akkademikament mill-awtoritajiet Maltin. Fuq ordni tar-Re ta' Sqallija fl-1493, il-Lhud sfaw imkeċċija mill-Gżejjer Maltin u Sqallin. It-tkeċċija tal-Lhud ħalliet vojt kbir fis-servizz mediku tal-Gżejjer Maltin, ukoll waqt



***It-Tabib Malti Mattew Callus li ngħata il-forka mill-Kavallieri ta' San Ġwann***



***Spiżerija Medjevali***

li l-battal kien mid-deħra wkoll mimli minn żewġ tobba Lhud, Andreas de Avula u Angelus Anello, li bidlu r-reliġjon tagħhom biex ikunu jistgħu jibqgħu jgħixu Malta. L-ewwel tabib Malti li jissemma kien Ġużeppi Callus, magħruf iżjed bħala Mattew Callus. Callus, iben l-ispiżjar Ġlormu, beda jissemma fl-1536 u baqa' jservi sa l-1560, meta temm ħajtu ħesrem fuq il-forka minħabba tilwima politika mal-Kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann.

Il-prattika tal-mediċina f'Malta lejn it-tmiem tal-Medju Evu kienet imsejsa fuq it-tagħlim ta' awturi antiki u medjevali ta' kotba tal-mediċina. F'rapport mediku-legali fl-1542, l-esperti mediċi għamlu referenza għax-xogħol ta' Galen (li għex fl-131-200 W.K.), Rhazes (860-

932 W.K.), Avicenna (980-1037 W.K.), u Avenozoar (1072-1162 W.K.). Il-kura farmaċewtika wkoll kienet tagħmel parti mill-iskola tal-mediċina tradizzjonali Għarbija-Griega li dak iż-żmien kienet tiddomina lill-kontinent kollu. Waqt li ftit mis-sustanzi wżati kienu jinstabu lokalment, ħafna kienu jiġu impurtati mill-Ewropa. Il-Gvern Malti matul il-Medju Evu, li kien jissejjaħ "Università", kien konxju tar-responsabiltà tiegħu fir-rigward il-ħarsien tas-saħħa pubblika. Kien responsabbli biex jiżgura l-preżenza ta' tabib fil-Gżejjer, it-tmexxija ta' l-isptar Santu Spirtu fir-Rabat li kien jintuża mill-inqas fl-1372, il-kwarantina waqt xi epidemiji f'Malta jew fil-pajjiżi qrib, u r-rimi ta' l-iskart.

Il-prattika tal-mediċina fil-Gżejjer Maltin, baqgħet hekk ukoll wara l-miġja f'Malta tal-Kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann, ħlief li r-responsabbilità tas-saħħa pubblika fil-qasam tagħha kollha waqgħet f'idejn il-Kavallieri minflok l-Università. L-Ordni ta' San Gwann oriġinat f'Ġerusalemm fil-bidu ta' l-ewwel millennju Wara Kristu, meta l-Benedittini bl-għajnuna ta' xi negozjanti bnew xi sptarijiet biex jieħdu ħsieb il-bżonnijiet tal-pellegrini li kienu jmorru fl-Art Imqaddsa. Meta t-Torok bdew isiru aktar aggressivi, l-Ordni immodifikat il-funzjoni tagħha u barra minn dmirijiet reliġjużi u ospitaljeri, żiedet id-dmir li tiddefendi bl-armi lill-pellegrini. It-Torok, bil-mod il-mod imbuttaw l-Ordni 'l bogħod mill-Art Imqaddsa lejn il-punent tal-Mediterran, sakemm fl-1522 l-Ordni tkeċċiet minn Rodi u fl-1530 il-Gżejjer Maltin ingħataw mill-Imperatur Karlu V ta' Spanja lill-Ordni.



***Is-Sagra Infermarija fil-Belt***



***Studju tal-Anatomija***

Il-Kavallieri ta' l-Ordni kienu wlied l-aqwa familji ta' Franza, Spanja, l-Italja, il-Ġermanja, u l-Ingilterra, u għalhekk dan il-grupp kożmopolitan għamilha possibbli għal Malta biex iżżomm relazzjoni kulturali qawwija mal-kontinent Ewropew li kien għaddej minn rinaxximent kulturali fl-arti u fix-xjenzi. Ir-rinaxximent kien ikkaratterizzat minn interess ġdid fit-tagħlim antik ispirat minn awturi Griegi u Rumani, madankollu dan ma baqax marbut biss ma' l-imgħoddi imma żviluppa skola ġdida ta' ħsieb. Din l-iskola kienet tisħaq fuq it-tagħlim tan-natura li l-kapulavur tagħha kien il-bniedem u għalhekk tat bidu għall-umaniżmu. Ir-

restrizzjonijiet fuq it-tagħlim, imposti mill-attitudni medjevali lejn ir-reliġjon, bdew jispiċċaw, u għalhekk ix-xjenza ħarġet miż-żmien tad-dlam u daħlet f'territorji ġodda. Il-mediċina pjuttost filosofika-religjuża tal-Medju Evu bdiet tieħu xejra xjentifika bbażata fuq studji anatomiċi u fiżjoloġiċi. Il-kuntatt kulturali li ġabet magħha l-miġja ta' l-Ordni ta' San Ġwann f'Malta fetaħ it-triq biex tobba Maltin mhux biss kienu mħarrġa fl-avvanzi fil-mediċina fuq il-kontinent, imma wkoll xi



***Swali fis-Sagra Infermerija***

kultant taw sehemhom għall-progress tal-mediċina bir-riċerka tagħhom.

Il-wasla tal-Kavallieri f'Malta fl-1530 kienet akkumpanjata minn immigrazzjoni ta' tobba u kirurgi li ġew ma' l-Ordni minn Rodi. In-nuqqas ta' tobba li kien qed jinħass fl-aħħar tal-Medju Evu wara li l-Lhud kienu tkeċċew mill-gżejjer Maltin spiċċa. It-tħassib ta' l-Ordni inizjalment kien wieħed ta' difiża kontra t-theddid tat-Torok. L-Ordni kkonċentrat il-forzi tagħha fiċ-ċentru marittimu tal-Birgu. Il-preokkupazzjoni militari madanakollu ma żammitx l-Ordni milli tieħu passi biex ittejjeb l-istat mediku tal-pajjiż. Fl-1532, il-Kavallieri ħadu biċċa art fuq ix-xatt tal-Birgu u bnew l-ewwel sptar tagħhom f'Malta, imsejjaħ Sagra Infermerija. L-isptar kien miftuħ mhux biss għall-membri ta' l-Ordni, imma wkoll għal irġiel Maltin u l-iltiema. Fl-1538, il-Gran Mastru ħareġ lista ta' ordinanzi biex titħares is-saħħa pubblika fil-gżejjer. Dawn il-liġijiet ddettaljati kienu jirrigwardjaw miżuri biex irażżnu l-mard infettiv, il-ħruġ ta' liċenzji biex wieħed ikun jista' jipprattika l-mediċina, u l-individwazzjoni tar-responsabbiltajiet ta' l-ispiżjara u tat-tobba.

Wara l-Assedju l-Kbir mit-Torok fl-1565, il-Kavallieri bdew jaħsbu biex jibnu belt-fortizza biex tindokra l-Port il-Kbir. Fil-belt iffortifikata, l-Ordni ppjana wkoll li jibni Sagra Infermerija ġdida. Il-bini ta' dan l-isptar, li kien jikkonsisti f'sala twila waħda, beda fl-1574. Dan l-isptar sar wieħed mill-aħjar, jekk mhux l-aħjar, sptarijiet li kien hawn fil-Mediterran u l-kontinent Ewropew. Dan

jixhduh il-kummenti ta' ħafna viżitaturi li tkellmu favorevolment fuqu matul is-sekli 17 u 18. L-attenzjoni għall-kumdità tal-pazjent kienet waħda li ma kien hemm bħala fl-ebda sptar ieħor fl-Ewropa. Ħaġa ta' l-għaġeb għal dak iż-żmien, kull pazjent kellu sodda għalih attrezzata bil-komodina biex iżommlu ħwejġu. Is-sodod kienu mdawrin bil-purtieri u fis-sajf kienu attrezzati b'purtieri kontra n-nemus. Meta wieħed iqis li fl-isptarijiet fl-Ewropa il-pazjenti kienu jkunu erbgħa f'kull sodda meta kien ikun hemm waħda, sodda għal kull pazjent fis-Sagra Infermerija ta' Malta kien lussu. Barra minn lussu ta' komfort, il-pazjenti kienu jiġu servuti l-ikel tagħhom minn fuq platti tal-fidda. Din l-attenzjoni kienet tingħata lill-pazjenti kollha – membri ta' l-Ordni, Maltin, u anke lsiera. Sptar ieħor għan-nisa msejjaħ *La Casetta* twaqqaf fl-1625, waqt li nfetaħ ukoll sptar ġenerali f'Għawdex.

L-attenzjoni lejn is-saħħa ma kenitx limitata biss fis-servizzi fl-isptarijiet, imma kien hemm attenzjoni serja fil-kontroll legali tas-saħħa pubblika. Għalhekk l-ordinanzi tal-1538 ġew kontinwament riveduti matul is-snin bil-għan li jkun imħares kull aspett tal-prattika medika f'Malta. B'hekk naraw kif fl-1624 ġew ippubblikati regolamenti biex jikkontrollaw il-prattika tal-qwiebel. Ir-regolamenti kollha li ħarġu matul is-snin ġew inkorporati fil-kodiċi legali li ġew ippubblikati fil-kodiċi legali ppubblikati mill-Gran Mastru Emanuel de Rohan fl-1782. Il-Kodiċi ta' De Rohan baqa' l-bażi tal-liġi Maltija, u waqt li dan il-kodiċi ġie superat bil-leġislazzjoni intensiva u l-kodifikazzjoni li saret fit-tieni

parti tas-seklu dsatax, il-Kodiċi ta' De Rohan baqa' jifforma parti mill-*ius comune* ta' Malta, u xi kultant għadu jiġi kkwotat illum ukoll.

L-Ordni kellha jaħdmu magħha l-aqwa tobba tal-pajjiż. It-tobba ta' l-Ordni kienu mgħallmin sew dwar l-aħħar żviluppi fil-mediċina u kienu jħabbtuha tajjeb mal-kollegi tagħhom fil-kontinent Ewropew. Biex il-pajjiż ikun fornut sew b' tobba u kirurgi, il-Gran Mastru Nicolas Cottoner fl-1676 waqqaf l-Iskola ta' l-Anatomija u l-Kirurġija. L-ewwel għalliem ta' din l-iskola kien tabib Malti Giuseppe Zammit. Warajh fl-1694 ġie maħtur tabib ieħor Malti bl-isem ta' Giuseppe Farrugia. Ta' min wieħed jgħid li l-ewwel skola fl-Anatomija f'Londra twaqqfet fl-1572, waqt li f'Oxford twaqqfet fl-1623. L-Iskola f'Malta malajr kisbet fama kbira fil-bliet prinċipali ta' l-Ewropa, u partikolarment fis-seklu 18 meta attirat studenti mill-kontinent. Wara t-taħriġ fl-Iskola ta' l-Anatomija u l-Kirurġija f'Malta, l-Ordni kienet tibgħat it-tobba tagħha biex ikomplu jistudjaw fl-universitatjiet ta' Franza u l-Italja. B'hekk kienet tassigura li s-Sagra Infermerija u l-isptarijet l-oħra kien ikollhom l-aħjar tobba imħarrġin fl-aktar mediċina avvanzata. It-tobba Maltin ta' żmien l-Ordni, taw sehemhom ukoll għal progress xjentifiku fil-mediċina. Għalhekk nafu li ħafna mit-tobba minn Malta li marru jkomplu jistudjaw fl-Ewropa ppubblikaw diversi xogħlijiet xjentifiċi fl-universitajiet li attendew. Barra minn hekk numru ta' tobba Maltin, bħal Michelangelo Magri u Giuseppe Barth, emigraw barra minn pajjiżhom u kisbu fama sinifikanti barra minn Malta.




***Il-Gran Mastru Nicholas Cottoner (1663–1680)***

Magri, li studja f'Malta emigra għal Firenze u nħatar anatomista fl-Isptar ta' Santa Marija fl-1740. Wara nħatar anatomista fl-Isptar ta' Messina fl-1748 fejn hu rinomat għall-forom fix-xemgħa li juru s-sistema taċ-ċirkulazzjoni tad-demm. Barth, student ta' Michelangelo Grima, mar Vjenna fejn inħatar Professur ta' l-anatomija, fiżjoloġija u l-oftalmija fl-Università ta' Vjenna fl-1773. Hu kien l-oftalmologu ewlieni tal-familija rjali ta' l-Awstrija. Ta' min wieħed jgħid li l-ewwel ħaġa li wieħed jara fil-Mużew ta' l-Istorja tal-Mediċina fi Vjenna hija sezzjoni ddedikata lill-Malti Barth.

Tobba oħra Maltin ippubblikaw fil-qasam tax-xjenza medika, mhux biss waqt li kienu barra minn Malta, imma wkoll waqt li kienu jaħdmu f'Malta. Wieħed mit-tobba tas-seklu 18 magħrufin f'Malta hu Michelangelo Grima. Il-ħajja ta' Grima tissimbolizza l-metodi ta' taħriġ mogħtijin lit-tobba Maltin. Grima, imwieled il-Belt probabbilment fil-1729, beda t-taħriġ tiegħu ta' kirurġija fis-Sagra Infermerija meta kellu madwar 12-il sena. Fl-1750, intbagħat Firenze fejn kompla l-istudji tiegħu fl-Iskola Santa Maria Nuovo. Hemm, Grima fl-1754 kiseb dottorat fil-filosofija u l-mediċina mill-Università ta' Pisa. Huwa kompla jaħdem f'Firenze fejn għamel riċerka xjentifika fuq metodi ġodda ta' kirurġija intestinali. Fl-1758, l-Ordni tat sussidju finanzjarju lil Grima biex ikompli jistudja f'Pariġi. Hemm issieħeb mal-militar Franċiż bħala kirurgu u ta kontribut waqt il-"Gwerra ta' Seba' Snin" kontra l-Ingilterra u l-Ġermanja. Fl-1763, l-Ordni sejjħitlu lura f'Malta biex

jissieheb fis-servizz mediku ta' l-Ordni. Inħatar bħala kirurgu principali tas-Sagra Infermerija u kien inkarigat ukoll li jgħallem l-anatomija. Grima miet fl-1798 wara karriera twila.

L-istudju ta' l-anatomija kien jittiehed bis-serjetà. Waqt li fl-ewwel snin ta' l-Iskola tal-Anatomija u Kirurġija l-prattika ta' l-awtopsji ma kenitx ipprattikata, fl-1720 il-Gran Mastru Zondadari ppropona l-introduzzjoni tagħha. Il-prattika daħlet tliet snin wara fl-1723. Barra minn awtopsji, l-istudju ta' l-anatomija kien jinkludi l-użu ta' forom anatomiċi tax-xemgħa u disinji artistiċi. L-artist famuż Antoine Favray, li għex Malta fit-tieni nofs tas-seklu 18, kien studja l-movimenti skeletriċi u muskolari tal-ġisem uman, imbagħad kien pinġa disinji anatomiċi biex jintużaw mill-istudenti ta' l-anatomija.

L-Iskola ta' l-Anatomija u l-Kirurġija li waqqaf Cottoner fl-1676 kienet il-preludju tal-Fakultà tal-Mediċina fl-Università ta' Malta. Wara t-tkeċċija tal-Ġiżwiti minn Malta fl-1769, il-proprjetà ta' din is-soċjeta', inkluż il-kulleġġ ta' l-edukazzjoni fil-Belt Valletta, kienet rekwiżizzjonata mill-Ordni. Il-Gran Mastru Pinto de Fonseca fl-1771 waqqaf università bi tliet fakultajiet – tat-Teoloġija, tal-Liġi, u tal-Mediċina. L-Iskola ta' l-Anatomija u Kirurġija ġiet inkorporata f'din l-istituzzjoni ġdida. L-ewwel president tal-Fakultà kien Michelangelo Grima.

Ir-Rivoluzzjoni Franċiża tat daqqa ta' ħarta kbira lill-fondi esterni ta' l-Ordni. Għalhekk il-livelli ta' l-




***Il-Gran Mastru Marc'Antonio Zondadari (1720–1722)***

isptarijiet ta' l-Ordni bdew bil-mod il-mod nezlin. It-theddida lejn il-prezenza ta' l-Ordni f'Malta żdiedet meta Napuljun Bonaparti tefa' ħarstu fuq il-Gżejjer Maltin. Bonaparti keċċa 'l-Ordni minn Malta fl-1798, u b'hekk beda żmien ta' inkwiet u taħwid fil-gżejjer. Il-ħakma Franċiża fuq Malta kienet waħda qasira. Il-Maltin irvellaw, u bl-għajnuna ta' l-Ingliżi, imblukkaw lill-Franċiżi fil-bliet iffortifikati sakemm il-ġuħ u l-mard sforza lill-Kmandant Franċiż Vaubois iċedi l-armi fil-5 ta' Settembru 1880. Il-bidla politika fi tmiem is-seklu 18, madanakollu, wittiet it-triq għal bidliet kbar fl-edukazzjoni u fil-prattika medika wara l-avvanzi li ġraw għal nofs is-seklu 19.

Il-ħakma Franċiża mill-bidu nett daħħlet kunċetti ġodda ta' kif kienu jitmexxew l-isptarijiet. Fi żmien l-Ordni ta' San Ġwann, l-isptar ta' l-istat is-Sagra Infermerija kien miftuħ għal kulħadd – suldati, baħħara ta' l-Ordni, nies ċivili, ilsiera, eċċ. Il-Franċiżi min-naħa l-oħra għamlu diviżjoni ċara bejn sptarijiet militari u ċivili. Is-Sagra Infermerija ttieħdet biex issir sptar militari, waqt li l-kunvent tas-sorijiet fil-qrib ittieħed biex isir sptar ċivili. L-isptar tan-nisa baqa' jiffunzjona bħal qabel. Wara r-rewwixta tal-Maltin kontra l-Franċiżi, il-Maltin kellhom ir-responsabbiltà għas-saħħa fil-kampanja. Għalhekk billi l-isptarijiet barra mill-Belt Valletta kienu x'aktarx żgħar, ir-ribelli ħadu diversi siti biex jintużaw bħala spartijiet għas-suldati Maltin u Ingliżi, baħħara Ingliżi, u nies ċivili. Il-ġuħ u l-mard laqat mhux biss lil dawk li kienu fil-bliet iffortifikati, imma wkoll lill-Maltin fil-kampanja. Ir-rata ta' mwiet

matul dawn is-snin tant kienet għolja li l-popolazzjoni tal-Gżejjer naqset sinjifikament tant li fl-1807 il-popolazzjoni totali tal-Gżejjer kienet inqas bi tmintax u nofs fil-mija minn dik tas-sena 1798.

Il-Franċiżi wkoll ittantaw idaħħlu sistema ta' edukazzjoni ġdida. Fir-riformi li għamlu, neħħew l-Università imma żammew it-tagħlim tal-mediċina fl-isptar. L-inkwiet li nqala' matul il-ħakma Franċiża waqqaf kull forma ta' studju, inkluż l-istudji mediċi. L-Iskola Medika reġgħet kienet stabbilita minn Sir Alexander Ball fl-1800, wara li l-Franċiżi ċedew l-armi. L-ewwel fażi tar-rifondazzjoni ta' l-istudji mediċi kienet ikkaratterizzata minn stat ta' konfużjoni. Iżda l-livell professjonali ma kienx baxx. Fl-1836 inħatret Kummissjoni Rjali biex tinvestiga u tirrapporta dwar l-amministrazzjoni ta' l-Università ta' Malta. Il-kummissjonarji rrakkommandaw il-ħatra ta' ħames professuri biex jgħallmu l-anatomija u l-kirurġija, il-mediċina, l-ostetrija, il-kimika, u l-botanija. Il-filosofija, l-iġjene, l-istorja naturali, u l-mediċina forensika kellhom jiġu mgħallma bħala suġġetti ta' importanza minuri. Fl-1879, is-Sur Patrick Keenan intbagħat Malta biex jistudja s-sistema edukattiva fil-pajjiż. Hu kien tal-fehma li kienet meħtieġa riforma fil-kurrikulu mediku fl-Università, imma stqarr li wara li tiġi introdotta r-riforma proposta, l-iskola medika f'Malta tkun tista' tħabbatha ma' kull kulleġġ mediku fl-Imperu Ingliż. Il-livell tal-Fakultà tal-Mediċina ġie rikonoxxut fl-1901 meta tobba li kkwalifikaw minn Malta ingħatawlhom il-privileġġi kollha li kienu jingħataw lil studenti minn

universitajiet u kulleġġi tal-Gran Britannja, l-Irlanda, u l-Kolonji. Dan kien ifisser li tobba kwalifikati f'Malta kienu jistgħu jmorru jaħdmu fi kwalunkwe pajjiż fl-Imperu Ingliż.

Barra minn edukazzjoni medika f'Malta, diversi tobba Maltin kienu jmorru barra minn Malta biex ikomplu jistudjaw u jispeċjalizzaw. Fis-sena 1812, it-tabib Cleardo Naudi ntbagħat Londra mill-Gvern Ingliż biex jitgħallem sew dwar ir-regolamenti ta' l-iskejjel tal-mediċina fl-Ingilterra. Tabib ieħor li mar fir-Renju Unit kien it-tabib Salvatore Luigi Pisani. Pisani kiseb id-dottorat mill-Università ta' Malta fl-1850 u wara mar ikompli jistudja fl-Università ta' Edinburgh fejn kiseb dottorat sekondarju fl-1853. Hemm ħadem ma' ħafna mill-professuri li kienu ta' quddiem fil-mediċina fl-Ingilterra. Wara li Pisani telaq mill-Ingilterra, kompla jżur ċentri ta' taħriġ f'Londra, Pariġi, Berlin, Vjenna u l-Italja biex jiffamiljarizza ruħu mal-prattika tal-mediċina fil-kontinent Ewropew. Wara li wasal lura Malta, daħal fis-servizz militari Ingliż u ħadem ta' tabib fil-Krimea fejn iltaqa' ma' Florence Nightingale. Meta reġa' lura Malta nħatar Professur tal-Maternità u l-Ġinekoloġija fl-1858 u Professur tal-Kirurġija fl-1869. Fl-1885 inħatar l-ewwel Tabib Ewlieni tal-Gvern f'Malta, post li nħoloq mill-ġdid bir-riformi fil-qasam tas-saħħa li l-gvern ta' dak iż-żmien kien qiegħed iwettaq.

Il-kuntatt mal-prattika tal-mediċina barra minn Malta kien jinżamm ukoll bil-preżenza bla heda ta' tobba

Ingliżi li ġew jaħdmu f'Malta mas-Servizzi Ingliżi jew fil-privat. Bħala eżempju ta' min wieħed isemmi lit-tabib kirurgu Thomas Spencer Wells li beda l-karriera tiegħu jaħdem fl-Isptar Navali ta' Bighi fl-1841, u kien wieħed minn grupp ta' tobba Ingliżi li fl-1847 daħħlu l-użu ta' l-anestesija waqt il-kirurġija – dan ftit xhur biss wara l-ewwel użu tal-anestesija fl-Ingilterra. Wells telaq minn Malta u kompla l-karriera tiegħu f'Londra biex sar kirurgu ta' fama kbira, tant li sal-lum fil-kirurġija għad jintuża regolarment l-i*Spencer Forceps*. Tabiba kontroversjali Ingliża li ħadmet hawn Malta wkoll kienet it-tabiba James Barry li biex laħqet tabiba u ħadmet ta' hekk fost il-forzi armati Ingliżi ħbiet is-sess tagħha sa mewtha. Din kienet għamlet sforzi kbar biex tirranġa l-kundizzjonijiet tas-saħħa u l-għajxien tas-suldati Ingliżi. Dawn l-isforzi mandankollu twettqu biss wara l-isforz li għamlet Florence Nightingale wara l-Gwerra tal-Krimea. Nightingale wkoll ġiet ġurnata Malta fis-sena 1854 matul il-vjagg tagħha lejn il-Krimea, u jingħad li żammet kuntatt siewi mal-gżejjer Maltin li sewa ta' użu fil-pjan ta' l-Isptar San Vinċenz de Paule fl-1862. It-tobba Ingliżi li pprattikaw f'Malta taw ukoll kontribut f'oqsma oħra tax-xjenza, partikolarment tax-xjenza naturali tal-gżejjer Maltin. F'dan ir-rigward wieħed irid isemmi lit-tabib Andrew Leith Adams li ġie Malta mas-servizzi militari fl-1860 u dam fil-gżejjer Maltin sas-sena 1866. Dan it-tabib kien midħla sew tax-xjenzi naturali partikolarment fil-qasam tal-paleontoloġija jew l-istudju tal-fossili. Ir-riċerka li għamel dan it-tabib hawn Malta rriżultat fis-sejba ta' l-ispeċi ta' iljunfanti nani, fkieren gganti, u ġrieden kbar

endemici fil-gżejjer Maltin waqt il-perjodu ġeologiku ta' Żmien is-Silġ. Adams ukoll għamel riċerka fuq l-epidemijoloġija tal-marda tal-kolera waqt l-epidemija tas-sena 1865, u wkoll wera li ċerti pjanti bħat-tengħuda setgħu jagħmlu deni lill-bniedem anki jekk dawn jittieklu mill-mogħoż għaliex is-sustanza velenuża li tinsab fil-pjanta tgħaddi fil-ħalib.

It-tobba Maltin, matul is-seklu 19, żammew ruħhom aġġornati sew mal-ħsibijiet u l-kitbiet tal-mediċina fl-Ewropa. Saru diversi sforzi biex l-edukazzjoni medika tkompli tikber fosthom permezz ta' pubblikazzjonijiet mediċi. L-ewwel pubblikazzjoni medika Maltija kien jisimha *L'Ape Melitense* li dehret l-ewwel darba fl-1883. Dan il-ġurnal, minbarra kitbiet oriġinali, kien jinkludi kitbiet u siltiet minn pubblikazzjonijiet mediċi Ewropej. Minn dak iż-żmien b'mod irregolari kien hemm ħarġiet ta' pubblikazzjonijiet mediċi b'diversi ismijiet. Fl-1949 l-istudenti tal-mediċina f'Malta ħarġu wkoll ir-rivista tagħhom iċ-*Chestpiece*, waqt li anke l-ispiżjara u l-qwiebel matul is-seklu 20 ħarġu r-rivisti tagħhom. Barra ġurnali, it-tobba Maltin kienu jissieħbu f'assoċjazzjonijiet mediċi li l-iskop prinċipali tagħhom kien li kabbru l-edukazzjoni medika fil-pajjiż u jxerrdu tagħrif mediku fost il-membri tal-professjoni. L-ewwel assoċjazzjoni kienet is-*Società Medica d'Incorragiamento* li twaqqfet fis-sena 1837. Din is-soċjetà kellha membri korrispondenti fl-Italja, Franza, l-Iżvizzera, Kostantinopli, il-Prussja, l-Eġittu, l-Ingilterra, u l-Amerika. Il-*Malta Branch* tal-*British Medical Association* li għadha teżisti sal-lum twaqqfet

fis-sena 1888. Twaqqfu wkoll għaqdiet bi skop ta' trejdunjoniżmu fil-qasam mediku. L-ewwel darba li l-professjoni medika ngħaqdet flimkien kontra l-Gvern Kolonjali kien fl-1887 taħt it-tmexxija tat-tabib Filippo Sceberras. L-ewwel *union* trejdunjonistika għat-tobba twaqqfet fl-1954 taħt l-isem *Medical Officers Union*, li eventwalment sar jisimha *The Medical Association of Malta*. Din l-*union* għadha tħares l-interessi tat-tobba llum, barra milli tħares biex tmantni l-livelli tal-mediċina f'Malta.

Barra mill-isforzi biex jitjiebu l-livelli tat-taħriġ tat-tobba fl-Università ta' Malta, matul is-seklu 19 saru sforzi serji biex jitjiebu l-livelli tal-infermiera u l-qwiebel. L-ewwel darba li beda kors edukattiv għall-qwiebel kien fl-1804, imma l-kors regolari ħa spinta vera fl-1868 taħt it-tmexxija tal-Professur S.L. Pisani, li wkoll ippubblika ktieb bil-Malti dwar is-suġġett fl-1883. L-ewwel kors għall-infermiera sar fl-1882 taħt it-tmexxija tat-tabib T. Bonnici, u fil-1904 ġie ppubblikat ukoll ktieb bil-Malti ta' taħriġ għall-infermiera. Tentattivi saru wkoll matul l-aħħar tas-seklu 19 u l-bidu tas-seklu 20 biex jiġi edukat il-poplu fil-qasam tas-saħħa. Dan kien isir bil-pubblikazzjoni ta' ktejjeb miktubin bil-Malti fuq diversi oqsma tas-saħħa, partikolarment fuq il-kura u t-trobbija tat-tfal.

Is-seklu 19 kien perjodu ta' bidla u żvilupp b'ritmu mgħaġġel fejn ix-xjentisti bdew jagħmlu sejba wara l-oħra. It-tobba f'Malta kienu jżommu ruħhom aġġornati sew ma' dak li kien qiegħed isir fl-Ewropa u ħafna mill-



***It-Tabib Giuseppe Caruana Scicluna***



***Tobba fil-ġlieda kontra id-Deni Irqiq fis-seklu 20***
***T. Zammit, C. Kennedy, J.C. Weir, J.G. MacNought, J.W.H. Eyre, T. McCulloch, E.M.A. Clayton.***

kura ġdida kienet tiġi ntrodotta ftit snin wara l-iskoperta tagħha. Dan ir-ritmu baqa' jseħħ anke fis-seklu 20, għalhekk naraw li l-introduzzjoni ta' l-antibijotiċi saret ftit snin biss wara li dawn ġew deskritti fl-Ewropa anke meta l-komunikazzjoni kienet diffiċli minħabba t-Tieni Gwerra Dinjija. L-*X-rays* ġew deskritti mill-Ġermaniż Wilhelm Roentgen fl-1895. Din l-iskoperta malajr waslet Malta, għax insibu li l-Professur Temi Zammit u l-fotografu John Ellis bdew jesperimentaw b'din it-teknika fl-1896.

Fit-tieni nofs tas-seklu 19, saru żviluppi rivoluzzjonarji fil-qasam mikrobijoloġiku li ħalla effett profond fuq it-tagħrif dwar il-kawża tal-mard u fuq il-mod kif it-tobba bdew jittrattaw l-infezzjonijiet. It-tobba Maltin, u dawk barranin li kienu jaħdmu Malta, taw il-kontribut tagħhom ukoll għall-avvanz tax-xjenza. Id-deni rqiq, li kien magħruf bħala *Malta Fever,* kien marda komuni li tifni ħafna lill-Maltin u anke l-barranin li kienu jgħixu f'pajjiżna. It-tobba ma kellhom l-ebda ħjiel ta' kif kienet tiżviluppa din il-marda. Kien hemm min jgħid li din kienet tiġi mill-arja ħażina partikolarment fil-port. Ix-xogħol li għamel it-tabib Ingliz David Bruce u t-tabib Malti Giuseppe Caruana Scicluna fl-1866 wera bla dubju ta' xejn li l-marda tad-deni rqiq kienet riżultat ta' mikrobu li ssejjaħ *Brucella melitensis,* isem pjuttost storiku għax ifakkar fi Bruce u anke f'Malta.

Is-sejba tal-kaġun għal din l-infezzjoni kien avvanz, imma ma wassalx għal xi kura jew mezz ta' kif wieħed seta' jaħrab minnha. Kien ix-xogħol li għamel it-tabib



***Il-ħalib tal-mogħża infettata kien is-sors ewlieni tad-deni rqieq***

Malti Temi Zammit li wera li s-sors ewlieni tad-deni rqiq kien il-ħalib tal-mogħża infettat. Din l-iskoperta eventwalment wasslet biex il-ħalib kollu jiġi ppasturizzat biex jinqatel il-mikrobu. Imqar illum, meta jkun hemm xi ħadd li jiġi infettat b'din il-marda, dan isir għaliex ikun prodott tal-ħalib mhux ippasturizzat. Xogħol xjentifiku ieħhor li għamlu Bruce u Caruana Scicluna fl-1887 kien il-konferma li l-mikrobu *Comma spirillum* li kien iddeskriva Koch kien il-kawża tal-kolera. Tabib Ingliż li kien jaħdem f'Malta wkoll fl-1892 identifika l-mikrobu li kien jikkawża t-tifojde. Fil-qasam ta' l-iżvilupp ta' kura, it-tobba Maltin baqgħu wkoll jagħtu l-kontribut tagħhom. Ta' min wieħed isemmi lill-oftalmologu Luigi Preziosi li żviluppa operazzjoni

għall-kura tal-glawkoma imsejħa sal-lum l-*Operazzjoni ta' Preziosi*. Ukoll, l-oftalmologu ex-president ta' Malta it-tabib Ċensu Tabone ta l-kontribut tiegħu fil-qasam mediku meta wera kif l-antibjotiċi setgħu jintużaw kontra l-marda tat-trakoma. Wara li beda r-ritmu biex din il-marda krudili tinqered minn Malta, dan kien maħtur mill-Għaqda Dinjija tas-Saħħa biex jibda skemi kontra din il-marda f'Tajwan.

Mit-Tieni Gwerra Dinjija 'l hawn, ix-xjenza medika għamlet possibbli metodi ta' kura li sa ħamsin sena ilu kien jingħad li huma mirakolużi. Sfortunatament dawn is-servizzi mediċi m'humiex għad-dispożizzjoni ta' kulħadd lanqas fl-Ewropa. L-Għaqda Dinjija tas-Saħħa ħasset il-bżonn biex tfassal programm dinji msejjaħ *"Health for All by the Year 2000"*, fejn l-għan prinċipali ta' dan hu li f'kull parti tad-dinja kulħadd, kbir jew żgħir, ikollu kura preventiva u kurattiva għad-dispożizzjoni tiegħu. F'Malta s-servizz tas-saħħa jinsab għad-dispożizzjoni ta' kulħadd u l-kura preventiva jew kurattiva kollha li pazjent jkun jeħtieg tingħatalu b'xejn miċ-ċentri tas-saħħa jew mill-isptarijiet tal-Gvern. Dan is-servizz komprensiv iddaħħal fil-Gżejjer Maltin ħafna qabel li ssemma l-programm tal-Għaqda Dinjija tas-Saħħa. L-Iskema Nazzjonali tas-Saħħa bdiet isseħħ fl-ewwel fażi tagħha fl-1979 meta t-trattament u l-kura fl-isptarijiet tal-Gvern saru b'xejn għal kulħadd. Fl-1980, is-servizzi ta' infermiera u għajnuna u kura fid-djar ġiet estiża għall-poplu kollu bla ħlas. F'Mejju 1980 ġie introdott servizz mediku f'każijiet ta' emerġenza. Il-Gvern Malti ta' dak iż-żmien ma sabhiex bi tqila biex

jaqbel mal-programm politiku tal-Għaqda Dinjija tas-Saħħa li addotta fl-1984.

L-istorja tal-Mediċina f'Malta matul dan l-aħħar millennju turi biċ-ċar kemm is-saħħa tal-poplu kienet qrib il-qalb tal-gvernijiet varji matul iż-żminijiet. Turi wkoll kemm it-tobba Maltin dejjem baqgħu minn ta' quddiem fil-ġlieda tagħhom kontra l-mard. L-avvanzi fix-xjenza tal-mediċina bidlet il-pattern tal-mard f'pajjiżna, kif għamlet ukoll f'pajjiżi żviluppati. Ta' min jiftakar fil-ġganti tal-passat – mhux biss barranin imma wkoll Maltin – li għamlu dan il-progress possibbli. Mingħajr ix-xogħol siewi tagħhom, il-progress tal-lum ma kienx ikun possibli.

## Biblijografija

P. Cassar: *Medical History of Malta,* 1964. Wellcome Historical Medical Library, Lonon, +586p.

C. Savona-Ventura: 1997, *Outlines of Maltese Medical History*. Midsea Publ., Malta, +132p.

C. Savona-Ventura: 1999 *Il-Mediċina fil-Gzejjer Maltin*. PIN, Malta, +72p.

C. Savona-Ventura u A. Mifsud: 1999 *Prehistoric Medicine in Malta*. Proprint, Malta, +104p.